

Brussell, 4 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

9599/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0135 (BUD)**

**FIN 602
SOC 330**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (EGF/2025/000 TA 2025 - Assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni) Approvazzjoni

1. Fis-27 ta' Mejju 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG), akkumpanjata mill-proposta korrispondenti għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 09/2025¹.
2. Il-proposta għandha l-għan li timmobilizza EUR 170 000, fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, biex ikopri l-assistenza teknika relatata mal-FEG, f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament FEG tat-28 ta' April 2021². L-għan tal-proposta huwa li tintuża l-kontribuzzjoni ta' EUR 170 000 għan-nefqa amministrattiva u teknika.

¹ Dokument 9488/25.

² Ir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 (ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48), ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/691/oj>.

3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-proposta fil-laqgħa tiegħu tat-2 ta' Ġunju 2025 u seta' japprovaha.
 4. Fid-dawl ta' dan, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jagħti parir lill-Kunsill biex japprova t-test tad-Deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, kif jinsab fid-dokument 9600/25.
-